# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 1031/79GV**

Doc. 76-01

**Anthony Galea f'ismu proprio u bhala legittimu rappresentant ta' bintu minuri Marisa Galea u b'nota tas-17 ta' Marzu, 1993 Marisa Galea assumiet l-atti tal-kawza f'isimha peress li saret maggorenni**

**vs**

**Domenic Zammit**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fil-21 ta' Awissu, 1979 fl-Imsida il-konvenut waqt li kien qed isuq il-karozza numru 41977 f'Valley Road, investa lil Marisa Galea u kkagunalha feriti ta' natura gravi, u danni lill attur proprio et nomine konsegwenti ghal-dan;

L-attur proprio et nomine talab lil din il-Qorti:-

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et nomine dik is-somma li tigi likwidata bhala l-ammontanti tal-istess danni. Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur proprio et nomine a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 4 tal-process fejn eccepixxa:

Illi huwa m'huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni peress illi l-attrici harget hesrem minn wara xarabank li kienet livell mal-karozza tieghu b'mod li ma setax jevitaha. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 12;

Rat id-degriet a fol 73 u 76 li bih gew nominati l-esperti;

Rat ir-rapporti taghhom;

Rat id-digriet a fol. 119;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li din il-Qorti tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tal-21 ta' Awissu, 1979 li fih sfat investita l-attrici Marisa Galea; tillikwida d-danni sofferti okkorrendo bin-nomina ta' periti u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li huwa mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni peress illi l-attrici harget hesrem minn wara xarabank li kienet livell mal-karozza tieghu b'mod li ma setghax jevitha.

**PROVI**

Illi l-espert nominat minn din il-Qorti semghet id-deposizzjoni ta’ l-attrici u tal-konvenut u tax-xhieda prodotti minnhom; hadet konjizzjoni tal-provi migbura mill-Imhallef Supplenti u mill-ewwel perit legali u rat ir-relazzjoni tal-espert mediku.

Meta gara l-incident Marisa Galea kellha disa’ (9) snin u kienet toqghod l-Ingilterra. Hi xehdet li ma tiftakarx kif gara l-incident. Bl-incident kellha deformita’ f’irkobtejha u giet operata darbtejn l-Ingilterra minhabba l-incident. Hi zzewwget fit-22 ta’ Dicembru, 1991 u kellha *baby*. Ghamlet zmien tahdem bhala *waitress* u bhala *receptionist*. Meta gara l-incident hija kienet Malta fuq vaganza.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DRITT**

Fl-iskorta tal-gurisprudenza kostanti in materja jista’ jinghad li ma tezisti ebda forma ta’ prezunzjoni ta’ dritt favur *pedestrian* meta dan ikun involut f’incident ma’ vettura. Ghall-kuntrarju, il-kejl li bih jehtieg li tigi meqjusa l-materja ta’ responsabilta’ jibqa’ dak klassiku tad-determinazzjoni ta’ x’kienet il-kawza prossima u immedjata ta’ l-incident u x’kien il-fatt determinanti li pprovokah. Hu car li kemm il-*pedestrian*, kif ukoll id-*driver*, ghandhom drittijiet u responsabiltajiet bhala utenti tat-triq u kull wiehed minnhom kien bil-ligi obbligat li josserva r-regolamenti li jinkombu fuqhom biex jigi assigurat illi fl-ezercizzju tad-dritt taghhom li juzaw it-triq ma jaghmlu xejn biex ifixklu lil haddiehor fl-uzu legittimu ta’ l-istess triq. Hu meta jsir abbuz mid-dritt ta’ dan l-uzu, sew jekk tal-*pedestrian*, sew jekk tas-sewwieq, li temani r-responsabilta’ ghall-akkadut. Minn dan trid tigi evalwata l-htija u l-eventwali responsabilta’ ghas-sinistru.

> “Ma hemmx dubbju illi l-*pedestrian* jew *foot passenger* hu intitolat ghall-ezercizzju ta’ “*reasonable care*” mill-parti tad-*drivers* anke meta jinzel mill-bankina u jkun fil-*carriageway*

........... Il-fatt ghalhekk li l-*pedestrian* ikun fil-*carriageway* ma jezonerax id-*driver* mill-htija li jolqtu, jekk id-*driver* ma jkunx ezercita *reasonable care*.

..................................omissis...............................

Ghandu jinghad li anke il-*pedestrian* ghandu doveri......
Fil-*Highway Code* jinghad lill-*pedestrians* "*Before crossing the road look right and left and satisfy yourself that it is safe to cross. Look out for approaching traffic and take its speed into account. Cross the road as directly as possible. When stepping off a footpath look towards oncoming traffic. Do not make a sudden dash into the carriageway*". (Vol. XXXV, P.IV, p.1157).

"Il-Pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku, imma ghandu wkoll l-obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-*driver*, li jkun qed isuq karozza b'mod regolari, isib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitaneja minhabba fih, dak id-*driver* m'ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian* f'dik il-kontingenza". (Vol. XXIX. P.IV, p.1031).

"*The duty to keep a good look out is applicable to pedestrians and other road users as well as vehicle drivers. It is incumbent upon pedestrians to avoid running into vehicles. The ordinary rules of negligence are universal and vary only according to the degree of duty imposed on persons with varying responsibilities. A pedestrian, therefore, notwithstanding that he has a right to walk in the carriageway ............ is not entitled to complain of damage, due to his own failure, to keep a proper look out for oncoming traffic*". (Road Users Rights, - H.

Hughes Liabilities and Insurance (1948) pp. 90 et seq.)

Il-kaz li fih id-*driver* jista' jkun ezentat mir-responsabilta', hu dak biss li fih il-*pedestrian*, b'xi att inaspettat jew subitaneu jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu jkun qieghed lid-*driver* f'posizzjoni li anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment. App. Krim Il-Pulizija vs C. Mifsud Vol 38 p 859;   Pul vs J. Vella 5.2.66; u Pul vs J. Attard Portughes 10.12.66

M'hemmx prezunzjoni li *pedestrian* ghandu dejjem ragun. Imma hu m'ghandux jitqies bhala intruz. Hu ghandu juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghal utenti l-ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta' perikolu jew emergenza. App Civ. S. Bonaiglas vs J. Mercieca 20.1.70

Ghalkemm il-*pedestrian* ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll <u>id-dover li juza prudenza biex jaqsam.</u> Jekk il-*pedestrian* ikun negligenti, pero' dan ma jassolvix lid-*driver* tal-*car* milli juza dak il-grad ta' "*reasonable care*" li tinhtieg. Dan kollu jinghad, dejjem sakemm ma tkunx giet krejata mill-*pedestrian* lid-*driver*, bl-imprudenza tieghu, <u>emergenza subitanea imprevedibbli,</u> li rrendiet impossibbli, jew mhux ragjonevolment possibli, azzjoni evaziva tempestiva. (App. Krim Pul vs J. Formosa XL111 p 4 p 1023).

Emergenza subitanea tavvera ruha ez. meta persuna taqsam f'daqqa u tissorprendi lil konducent, jew taghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App.Krim Pul vs J. Thorton XLV p4 p 920). jew " meta *pedestrian* jinzel inaspettatament minn fuq bankina, jew li jaqsam jew jitfacca ghall-gharrieda minn wara xi *car* iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfacca ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza". (App.Krim Pul vs Cassar Desain Vol XLV1 p4 p 765).

Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana sancit principji importanti f'materja tal- limiti tar-responsabilta' ta' konducent meta jigi mtajjar *pedestrian*. Dawn huma:

1) *Che il conducente per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti.*

2. *Che i movimenti del pedone siano cosi rapidi e inattesi da farlo convergere all'improvviso sulla traiettoria del veicolo.*

3) *Che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

Meta char-a-banc jieqaf fi "*stage*" *driver* prudenti ghandu jipprevedi li aktarx jinzlu xi passiggieri minnu, u ghandu joqghod attent ghalihom, u ghandu joqghod attent ukoll, sa certu punt, ghal xi nies, anke talvolta mhux passiggieri, li jistghu jitfaccjaw minn wara x-char-a-banc. Divers ikun il-kaz, kieku x-char-a-banc ikun waqaf mhux f'fermata normali, jew kieku l-passiggier jaghzel li jinzel, in kontravenzjoni, qabel il-fermata, waqt li x-char-a-banc ikun qieghed jirrallenta biex jieqaf. (App. Krim Pul vs J. Formosa XL111 p 4 p 1023).

**Sorpass**

Regola importantissima ghas-sorpass hi li din ghandha ssir b'sikurezza (App.Krim.Pul.vs.Manwel Mallia, Kollex Vol XL111 p 1001.).

.

> "Min ikun qieghed isuq karozza m'ghandux jaghmel il-manuvra ta' *overtaking* minghajr ma jkun *safe* li ssir dik il-manuvra." (App. Krim Pul vs T. Meilak Vol 33 p4 p 723.)
>
> Ir-responsabilta' li l-manuvra ta' sorpass tkun tajba - tant ghall-post, kemm ghall-hin kif ukoll ghall-esekuzzjoni taghha - hija ghall-kollox fuq id-*driver* li ser jaghmel is-sorpass. (Genovese vs Wells 27.6.72).

Fil-*Highway Code* insibu taht *paragraph* 71 "*Never overtake unless you are*

*SURE that you can do so without danger to yourself or others*."

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR RESPONSABILTA'

### Konkluzzjoni tal-perit (ara fol. 143/144)

Il-Perit nominat minn din il-Qorti, mill-analizi tal-provi migbura u tal-punti premessi minnha fir-relazzjoni rrizultalha li l-konvenut kien unikament responsabbili ghall-investiment ta' l-attrici. Il-Qorti pero' ma taqbilx ma din il-konkluzzjoni billi hi tal-fehma li l-attrici wkoll ma haditx il-prekawzjonijiet necessarji qabel ma qasmet u ghalhekk it-tort ghandu jinqasam bejnha u bejn id-*driver*.

### Sewqan tal-konvenut

Il-Qorti taqbel mal-perit li l-konvenut kellu tort billi huwa kien qieghed wara xarabank li waqfet vicin l-istage, (il-partijiet ma jaqblux jekk fuq l-istage jew le) u setgha jissoponi li jaqsmu passiggieri jew nies ohra. Hu kellu ghalhekk joqghod aktar attent u jsuq bil-mod. Fil-fatt il-konvenut bid-daqqa tajjar lill attrici (din gholiet u wara waqghet fl-art) u zamm il-karozza xi ghaxar/hmistax (10-15) il-pied wara l-impatt. Kieku l-konvenut kien ghaddej bi *speed* addattat ghall lokalita' fejn sar is-sorpass, ma kienx ikollu bzonn li jigbed ghan-naha l-ohra tat-triq, imma kien jieqaf tempestivament.

Ghalhekk il-Qorti taqbel mal perit sa hawnhekk li l-konvenut naqas li jeffettwa l-manuvra ta' sorpass bl-attenzjoni u bil-prudenza mehtiega biex jevita l-investiment ta' l-attrici.

### Responsabilta' ta' l-attrici

Minn naha l-ohra l-attrici ma haditx il-prekawzjonijiet necessarji biex taqsam

meta kien *safe* ghaliha li taghmel hekk. Hi kienet l-aktar wahda li qeda l-boghod u setghet tara l-karozzi gejjin mit-tlieta li kienu qed jaqsmu u kif l-ohrajn waqfu meta raw il-karozza gejja, l-istess setghet taghmel l-attrici izda hija b'dana kollu qasmet, ta' tifla zghira li kienet minghajr ma stenniet kif ghamlu l-kugini taghha. Fil-fatt Mariella u Annie Galea indunaw bil-karozza gejja u qalu ara hemm, u waqfu, mentri l-attrici ghamlet pass il-quddiem u giet investita. Jigi notat li Mariella u Annie kienu aktar vicin lejn il-karozza tal-konvenut u ma ntlaqtux ghax baqghu f'posthom mentri l-attrici li kienet l-aktar wahda l-boqghod mill-karozza intlaqtet ghax baqghet hierga.

Finalment jigi rilevat li l-fatt li x-xarabank waqfet biex huma jaqsmu ma tassolvihomx mill-obbligu li jiehdu l-prekawzjonijiet necessarji u jaqsmu bid-debita prudenza, wara li jassikuraw ruhhom mis-sikurezza taghhom u ta' l-utenti l-ohra.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-attrici kienet ukoll responsabbli ghall-incident daqs il-konvenut.

**DIZABILITA'**

Il-Qorti nnominat lill Tabib Kirurgu Carmel Sciberras biex jezamina lill- Marisa Galea. L-espert ipprezenta r-rapport tieghu a fol. 148 u dan ikkonkluda li : "*Mrs. Tabone* (Marisa Galea hi llum mizzewga Tabone) *seems to have sustained quite a severe injury to the medial soft tissues of the right knee. However, she seemed to have obtained a good result from surgery. The ugly scars will always be present and the right A.P. instability may render this right knee a bit more prone to early degenerative changes*". Hu taha *disability* ta' 5%.

Din id-dizabilita' ma'gietx kontestata.

**DANNI**

**Spejjez Konvenut**

Skond missier il-konvenut, Toni Zammit, l-ispejjez fil-vettura kienu anqas minn Lm10 u ghalhekk il-Qorti m'hiex ser tehodhom in konsiderazzjoni (*de minimis*).

**Damnum Emergens**

Dwar din it-talba l-perit legali kkonkluda li ghandhom jithallsu Sterlini Inglizi 1130 u Lm32 lill attur stante li huma spejjez li fil-maggor parti saru minnu meta l-attrici kienet ghadha minorenni, u jinkludu telf ta' paga kemm ta' l-attur kif ukoll ta' martu ara Dok PR u Dok R. Dawn l-ispejjez jidhru ragjonevoli u ma gewx kontestati mill-parti l-ohra. Ghalhekk il-konvenut ghandhu jhallas nofs dawn iz-zewg ammonti.

**Lucrum Cessans**

Il-percentagg ta' dizabilita' ta' l-attrici gie kwantifikat ghall 5%.

Meta saret il-habta l-attrici kellha disa' (9) snin. Il-perjodu lavorattiv ta' l-attrici beda cirka meta kellha zbatax (17) il-sena u ghandu jigi kalkolat sa l-eta' tal-pensjoni. Fuq l-iskorta tal-gurisprudenza l-aktar recenti l-Qorti ser tiehu multiplier ta' hamsa u tletin (35) sena.

Dwar paga l-Qorti ser toqghod fuq il-kalkoli li ghamlet il-perit legali u ser tiehu paga ta' Lm50 fil-gimgha.

Fil-kaz in ezami stante li l-incident gara fil-1979 u cioe' tnejn u ghoxrin (22) sena ilu, u meta tikkunsidra t-telf ta' imghax ta' l-attrici tul dawn is-snin kollha, mis-somma likwidata m'ghandha ssir ebda deduzzjoni ghal *lump sum payment*.

**KALKOLU**

Il-*lucrum cessan* ghandu jigi kalkolat kif gej:

Lm2,600 (Salarju) x 5% (rata ta' dizabilita) x 35 snin (*multiplier*)
Total Lm4,550
L-attrici ghandha tehel nofs dan l-ammont cioe' Lm2,275
*Damnum Emergens* jammontaw ghall Lm16 u 565 Liri Sterlini

**RIEPILOGU**

| | |
|---|---|
| ***Damnum Emergens*** | **Lm16 u Sterling 565 pagabbili lill-attur** |
| ***Lucrum Cessan*** | **Lm2,275.00 pagabbili lill attrici** |

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli kwantu ghan-nofs ghall-incident tal-21 ta' Awissu, 1979 li fih sfat investita l-attrici Marisa Galea; tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm16 u Sterlini 565 (ekwivalenti ghal liri maltin bir-rata tal-kambju tad-data tal-prezentata tac-citazzjoni) u d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' Lm2,275; u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammonti hekk likwidati.

Bl-ispejjez bin-nofs bejn il-partijiet u bl-imghax li jibdew jiddekorru fuq l-ammont mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**